# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 17**

**Avviz numru 486/99/SM**

**Il-Perit David Felice f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' civili Architecture Project.**

**vs**

**Peter u Brigitte konjugi Sullivan**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat t-8 t'April ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur proprio et nomine sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

**1. Ihallsu s-somma ta' seba' mija u seba' liri Maltin u hamsin centezmu, (LM707.50,0) rapprezentanti drittijiet professjonali dovuti**

**ghal prestazzjonijiet maghmula minnhom bhala periti arkitetti u inginiera civili fuq ordni taghhom stess, in konnessjoni ma xogholijiet li saru fl-indirizz taghom fuq indikat;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Ottubru 1998, u bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra ufficjali sal-pagament effettiv kontra taghhom minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata l-4 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

**1. Preliminarjament l-attur m'ghandux ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta' civili Architecture Project u ghalhekk il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' l-istess;**

**2. Sekondarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, is-somma pretiza mill-attur pro et nomine mhix dovuta stante li s-servizzi professjonali prestati minnu saru b'mod negligenti tant li l-konvenuti sofrew danni sostanzjali kawzati min-nuqqas ta' sorveljanza adegwata tax-xogholijiet li kienu qed jigu ezegwiti fir-residenza taghhom;**

**3. Minghajr pregudizzju wkoll, is-somma mitluba hija esagerata;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat ukoll il-kontro-talba tal-konvenuti datata l-4 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghha sejhu lill-attur proprio et nomine quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-konvenuti dik is-somma li ma teccedix l-elf lira u ghalhekk li taqa fil-kompetenza ta'**

**dina l-istess Qorti, in linea ta' danni sofferti minnhom bhala rizultat ta' nuqqas ta' sorveljanza u negligenza fil-qadi tal-inkarigu moghti lill-attur pro et noe bhala Perit arkitett meta waqa s-saqaf fil-fond proprjeta' tal-konvenuti fit-22 t'April, 1996;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tas-27 ta' Gunju 1998 u bl-imghaxijiet mill-istess data kontra l-attur pro et noe li jiqba' ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur proprio et nomine datata l-21 ta' Ottubru ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'huwiex minnu li l-esponenti pro et noe naqas milli jissorvelja x-xogholijiet in kwistjoni jew li kien negligenti fil-qadi tal-inkarigu moghti lilu;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ma waqa ebda saqaf fil-proprjeta' tal-konvenuti fit-22 ta' April 1996;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur proprio et nomine kien inkarigat mill-konvenuti fl-1995 biex jeffettwa alterazzjonijiet**

**strutturali fil-fond 3, Capua Palace Street, Sliema;**

2. **Illi dak kollu dovut mill-attur proprio et nomine sar izda meta l-perit David Felice sar jaf bil-kuntrattur li l-konvenuti kienu nkarigaw biex jeffettwa x-xogholijiet de quo l-istess perit informa lill-konvenuti li ma kellux fiducja fix-xoghol professjonali tieghu;**

3. **Illi x-xoghol de quo kien jikkonsisti f'sostituzzjoni ta' saqaf u li x-xoghol ta' travetti involut kien jirrikjedi certu xjenza u teknika;**

4. **Illi dan ix-xoghol kien sorveljat mill-attur proprio et nomine u mill-perit arkitett tas-socjeta' li forniet it-travetti u li jirrizulta li qabel ma sehh l-incident li wassal ghall-procedura odjerna, kemm l-arkitett sorveljant kif ukoll l-arkitett tas-socjeta' fornitrici t-travetti infurmaw lill-kuntrattur li l-puntali, ghalkemm kellu jghamilhom, m'ghamilhomx;**

5. **Illi ghalhekk il-kroll kien inevitabbli;**

6. **Illi inoltre ai termini tal-kuntratt datat is-27 ta' Mejju ta' l-1991 hu assodat li l-kawza odjerna giet regolarment istitwita;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li l-arkitett attur proprio et nomine ezegwixxa l-obbligi tieghu skond ma jirrikiedi l-professjoni tieghu;**

**Illi in oltre jidher li kien koadjuvat f'dan minn arkitett strettament estraneu ghall-partijiet kontendenti;**

**Illi jirrizulta wkoll li kienet ingibdet l-attenzjoni tal-konvenuti fuq l-inideoneita' tal-kuntrattur izda dawn ghazlu li jassumuh;**

**Illi ghalhekk il-konvenuti huma konsepevolment responsabbli ghall-akkadut;**

**Ghaldaqstant filwaqt li din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti flimkien mat-talbiet rikonvenzjonali taghhom, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti Peter u Brigette konjugi Sullivan biex ihallsu lill-attur proprio et nomine l-ammont ta' seba' mija u seba' Liri Maltin u hamsin centezmu, (LM707.50,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**